TAL-PIETA`

# MINUTI

## It-tmien Legislatura - SEDUTA Nru. 53

It-Tlieta, 22 ta' Awwissu, 2023

Il-Kunsill Lokali ta' Tal-Pieta` ltaqa' fl-Ufficcju tieghu, 11, Il-Pellikan, Triq K. Mifsud, Tal-Pieta`, fil-4.45p.m.

Il-Vici Sindku Anthony Camilleri ippresieda.

**PREZENTI**

Kienu prezenti, il-Vici Sindku Anthony Camilleri u l-Kunsillieri, Mark Pisani u Stefano Savo.

Is-Sindku Zoya Attard u l-Kunsillier Josef Fitzpatrick infurmaw li kienu xoghol u ghalhekk gew skużati.

**TALBA**

Il-Vici Sindku qal it-talba.

## 1. MINUTI

*1.1* Il-minuti tas-Seduta Nru. 52 li saret nhar it-Tnejn, 17 ta' Lulju, 2023, kienu approvati.

## 2. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI

*2.1* Tressqu quddiem il-Kunsill l-ittri ta' apologiji minghand is Sindku Zoya Attard u minghand il-Kunsillier Josef Fitzpatrick li infurmaw li kienu xoghol.

## 3 HWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI

*3.1* **Zvilupp fi Triq Santa Monika**
Is-Segretarju Ezekuttiv informa li kienet saret objection mal-PA dwar żvilupp PA 4190/23 propost fi Triq Santa Monika. Il-Vici Sindku u l-Kunsillier Pisani saqsew jekk ghandniex aktar informazzjoni dwar il-progett tal-home fi Triq Sa Maison. Is-Segretarju Ezekuttiv wieġeb li l-Kunsill ghad ma kellux informazzjoni dwar dan il-progett.

*3.2* **Project Green**
Is-Segretarju Ezekuttiv informa li kien intlahaq kompromess ma' Project Green u IM dwar id-disinn tal-playingfield flimkien mal-junction ta' Triq Joe Gasan u Triq Patri Vincenz Portelli.

*3.3* **Pjazza San Luqa**
Is-Segretarju Ezekuttiv informa li l-pompi tal-ilma kienu lesti. Ghandha titkompla l-evalwazzjoni tat-tenders tal-cafetteria.

## 4 KORRISPONDENZA

*4.1* ***Quarterly Financial Report Jan-Gun 23***
Tressaq quddiem il-Kunsill il Quarterly Financial Report ghall-perjodu Jan-Gun 23. Wara li saret diskussjoni dwaru, il-Vici Sindku, ssekondat mill-Kunsillier Pisani, ppropona li dan id-dokument jigi approvat. (Appendici A) Il-Kunsill approva unanimament dan ir-rapport.

## 5 MISTOQSIJIET

*5.1* Il-Kunsillier Pisani staqsa meta kien se jibda l-progett tal-playingfield u jekk hemmx timeframes meta jitlesta. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li d-data meta ghandu jibda inbidlet ftit minhabba t-tibdiliet li gew mitluba. Malli jiġi stabbilit id-disinn, isiru t-timeframes neċessarji.

***5.2*** Il-Kunsillier Savo staqsa jekk bhalissa l-bandli hux jinfetah u jinghalaq fil-hin. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li ma kienet inghatat l-ebda ordni differenti mill-Kunsill u lanqas dahlu xi rapporti dwar dan ghand il-Kunsill.

***5.3*** Il-Kunsillier Savo staqsa dwar kienux ser isiru spralli fi Triq San Girgor meta din tinqala' mill-gdid. Is-Segretarju Ezekuttiv wieġeb li meta tkellem mal-Perit, infurmana li dawn ser isiru.

## 6 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

***6.1*** Is-Segretarju Ezekuttiv informa li l-kuncert ta' Jum Tal-Pieta` kien ser isir il-Gimgha, 15 ta' Settembru.

## 7 APPROVAZZJONI TAL-HLASIJIET FIX-*SCHEDULE OF PAYMENTS*

***7.1*** Il-Vici Sindku ssekondat mill-Kunsillier Savo, ressaq mozzjoni sabiex jigi approvat il-hlas tal-pagamenti li huma mnizzla fuq ix-*Schedule of Payments* Nru. 49. Il-mozzjoni ghaddiet *nem.con.*

## 8. TMIEM

***8.1*** Fis-5.45pm intemmet is-Seduta. Kien hemm qbil li s-seduta li jmiss issir nhar l-Erbgha, 27 ta' Settembru, 2023, fil-4.45pm.

Simon Cauchi
Segretarju Ezekuttiv

**Konfermati:**

Zoya Attard
Sindku